Minuti tal-7 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Gimgha 9 ta' Awissu, 2013. Il-laqgha inzammet b'urgenza u nbdiet hin 1.10pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Louis Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Lisa Marie Brooke |
| | CarmenVella |

**Ufficjali:**
Deputat Segretarju Ezekuttiv Emily Amatulli Depasquale

## 1. PC Application PC0026/13

1.1 Is-Sindku ghamel referenza ghall-PC Application li giet diskussa waqt il-laqgha precedent. Is-Sindku informa li wara li intalbet l-informazzjoni aktar fid-dettal, l-informazzjoni li inghatat ma kienetx kompleta u ghaldaqstant intalab appuntament mall-Perit Stefan Scotto u inghata pjanti aktar dettaljati dwar l-applikazzjoni. Sadanittant kien mitlub appuntament mad-Direttur ta' l-Artijiet sabiex tkun tista' tigi diskussa pero' sal-gurnata ghadu ma inghatax. Is-Sindku spjega li fuq il-pjanti jidher li skond il-*building line* fil-prezent huwa mill-hajt tar-residenza "Zgugina" li bhalha wisa' huwa 10.38m pero' l-applikazzjoni li giet sottomessa quddiem il-MEPA qed issir talba sabiex il-linja tinbidel u il-wisa' tat-triq issir 8.50m. Kien rimarkat li jekk din it-talba tkun milqugha t-triq ser tidjieq b'konsegwenza li din tigi karreggjata wahda biss u jkun hemm problema anke biex tintuza bhala triq alternattiva.

Lisa Marie Brooke staqsiet dwar kif din l-applikazzjoni qeghda issir min-naha tad-Dipartiment ta' l-Artijiet b'dan il-mod fejn gie spjegat li din it-tip ta' applikazzjoni peress li hija koncernata art tal-gvern issir min-naha tad-Dipartiment ta' l-Artijiet.

Emanuel Muscat qal li hu tal-fehma li probabilment id-Dipartiment ta' l-Artijiet ghandu raguni valida ghaliex qeghda tissottometti din l-applikazzjoni b'dan il-mod. Gie spjegat li d-Dipartiment ta' l-Artijiet suppost ghandhom jikkonsultaw mall-Kunsill f'dawn il-kazijiet u kazijiet ohra simili li jolqtu lil-lokalita.

Is-Sindku zied jghid li din id-diskussjoni qeghda issir fuq l-importanza li tinzamm il-wisa' tat-triq u mhux fuq l-art in per se u l-Kunsill mhux ser jidhol fil-meritu' jekk l-art hiex tal-privat jew tal-gvern.

Wara diskussjoni s-Sindku talab li jghaddu ghall-vot fejn 4 voti kienu favur li ssir oggezzjoni u wiehed astjena. Emanuel Muscat qal li jekk tinghata raguni valida min-naha tad-Dipartiment ta' l-Artijiet huwa ma jsib ebda' oggezzjoni biex issir l-oggezjoni mill-Kunsill. Is-Sindku zied jghid li l-ewwel u qabel kollox ghandhom ikunu salvagwardjati l-interessi tal-lokalita ingenerali u mhux individwali.

Kien hemm qbil li ghandha ssir petizzjoni u anke jekk din tista' ma tilhaqx lir-residenti minhabba iz-zmien tas-sajf u vaganzi.

Lisa Marie Brooke qalet li kollox jidher li huwa kontra ghaliex it-triq ser tidjieq, fejn seta' jkun hemm access ghall-Pjazza permezz ta' din it-triq issa mhux ser ikun possibli u b' din l-applikazzjoni qed titnaqqas il-possibilita' li titnaqas il-problema tat-traffiku fl-Gharb. Kien issuggerit li ghandha tintbghat informazzjoni lir-residenti qabel ma issir il-petizzjoni.

Il-Kunsill qabel li ghandha ssir petizzjoni fis-16 ta' Awissu u fil-granet segwenti u ghandha ssir bieb bieb fejn persuna indipendenti taghti spjegazzjoni permezz ta' sentenza zghira u turi kopja tal-pjanti u ritratti biex tinforma lin-nies u min ikun jixtieq li jiffirma l-petizzjoni irid ikun imnizzel fir-registru elettorali.

**2.0 Aggornament**

2.1 Il-Kunsilliera Emanuel Muscat u Lisa Marie Brooke infurmaw lill-Kunsill li mhux ser ikun possibli ghalihom li jattendu ghal-laqgha tal-Kunsill li ser issir fis-16 ta' Awissu ghalhekk gie deciz li l-laqgha li jmiss issir it-Tnejn 26 ta' Awissu, 2013.

2.2 Il-laqgha spiccat hin 1.35pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Deputat Segretarju Ezekuttiv